Kanċellazzjoni ta' Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 46 u Nru 56 tal-2026 – Stabbiliment ta' Żona ta' Rmiġġi Organizzati – Marsaskala

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara li Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 46 u Nru 56 tal-2026 dwar l-Istabbiliment ta' Żona ta' Rmiġġi Organizzati – Marsaskala, għandhom jiġu kkanċellati sakemm joħroġ avviż ieħor.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 46 u Nru 56 tal-2026 huma b'dan ikkanċellati.

L-24 ta' April, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 75 tal-2026

Żoni riservati għall-għawwiema f'Santa Marija u San Niklaw, Kemmuna

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinnotifika lill-baħħara kollha, lis-sidien tal-bastimenti u lill-għawwiema li waqt u sakemm issir u titlesta l-installazzjoni tal-perimetri fiżiċi li jiddelinjaw iż-żoni tal-għawwiema, iż-żoni murija fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) qed jiġu riżervati għall-għawwiema.

Dawn ir-restrizzjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ b'effett immedjat għal kull żona u sakemm jinħareġ avviż ieħor.

L-ebda bastiment jew oġġett li jista' jipperikola s-sigurtà tal-għawwiema, inkluż kwalunkwe tagħmir/għodda tas-sajd, m'għandu jintuża fiż-żona tal-għawwiema.

Il-konfini ta' dawn iż-Żoni tal-Għawwiema huma kif ġej:

It is crucial for the safety of all involved that all vessels must maintain a minimum distance of 100 meters from the divers whenever they are in sight.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, proceed with caution and at safe speed when navigating in the abovementioned areas. They are to comply with instructions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS.

Charts affected: BA 211, 2537, 2538

24th April, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 74 of 2026

Cancellation of Local Notice to Mariners No. 46 and No. 56 of 2026 – Establishment of an Organised Mooring Area – Marsaskala

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that Local Notices to Mariners No. 46 and No. 56 of 2026 regarding the Establishment of an Organised Mooring Area – Marsaskala, are to be cancelled until further notice.

Local Notices to Mariners No. 46 and No. 56 of 2026 are hereby cancelled.

24th April, 2026

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 75 of 2026

Zones reserved for swimmers in Santa Marija and San Niklaw, Comino

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, hereby notifies all mariners, owners of vessels and bathers that while and until the installation of the physical perimeters delineating the swimmer zones are being carried out and completed, the areas shown in the charts found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) are being reserved for swimmers.

These restrictions shall be in place with immediate effect for each area and until further notice.

No vessels or objects that may endanger the safety of bathers, including any fishing gear/implements, shall be used within a swimmers' zone.

The boundaries of these swimmers' zones are as follows:

9 a) Il-Bajja ta' San Niklaw – Żona tal-Għawwiema Kemmuna (ara Figura 9 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt))

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
9A	36° 01'.008	014° 19'.735 (Xatt)
9B	36° 01'.005	014° 19'.749 (Xatt)
9C	36° 01'.001	014° 19'.766
9D	36° 01'.039	014° 19'.773
9E	36° 01'.037	014° 19'.820 (Xatt)

9 b) Mogħdija

Il-mogħdija ġiet stabbilita permezz ta' Avviż lill-Baħħara Nru 7 tal-2017 u għandha tintuża biss għan-navigazzjoni u għandha tinżamm libera.

10a) Il-Bajja ta' Santa Maria – Żona tal-Għawwiema ta' Kemmuna (Żona ta' Ġewwa) (ara Figura 10 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt))

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
10A	36° 00'.996	014° 20'.180 (Xatt)
10B	36° 01'.001	014° 20'.185
10C	36° 00'.997	014° 20'.247
10D	36° 00'.984	014° 20'.249 (Xatt)

10 b) Il-Bajja ta' Santa Maria – Żona tal-Għawwiema ta' Kemmuna (Żona ta' Barra) (ara Figura 10 fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt))

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
10E	36° 01'.089	014° 20'.289 (Xatt)
10F	36° 01'.134	014° 20'.301 (Xatt)

Għandha tinżamm distanza minima ta' sigurtà ta' 5 metri miż-żona tal-għawwiema.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa f'kull ħin meta jidħlu fiż-żoni msemmija hawn fuq.

Għall-benefiċċju tas-sigurtà tal-għawwiema u l-baħħara kollha, Transport Malta tavża lill-viżitaturi u l-bastimenti kummerċjali kollha biex isegwu dawn l-arranġamenti. Uffiċjali tal-infurzar se jkunu qed jgħassu ż-żona b'mod każwali. Kull min jikser ir-regoli, meta jinstab ħati, ikun suġġett għall-multi (multa) kif stipulat fit-tieni kolonna tat-Tielet Skeda tar-Regolamenti dwar Bastimenti Żgħar, kif emendati.

Il-pożizzjonijiet kollha huma b'referenza għal WGS 84 DATUM.

Chart affettwata: BA 211

L-24 ta' April, 2026

9 a) Il-Bajja ta' San Niklaw – Comino Swimmers' Zone (see Figure 9 found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt))

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
9A	36° 01'.008	014° 19'.735 (Shore)
9B	36° 01'.005	014° 19'.749 (Shore)
9C	36° 01'.001	014° 19'.766
9D	36° 01'.039	014° 19'.773
9E	36° 01'.037	014° 19'.820 (Shore)

9 b) Fairway

The fairway was established by Notice to Mariners No. 7 of 2017 and is to be used solely for navigation and should otherwise be kept clear.

10 a) Il-Bajja ta' Santa Maria – Comino (Inner) Swimmers' Zone (see Figure 10 found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt))

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
10A	36° 00'.996	014° 20'.180 (Shore)
10B	36° 01'.001	014° 20'.185
10C	36° 00'.997	014° 20'.247
10D	36° 00'.984	014° 20'.249 (Shore)

10 b) Il-Bajja ta' Santa Maria – Comino (Outer) Swimmers' Zone (see Figure 10 found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt))

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
10E	36° 01'.089	014° 20'.289 (Shore)
10F	36° 01'.134	014° 20'.301 (Shore)

A minimum safety distance of 5 meters from the swimmers' zone must be maintained.

Mariners are advised to keep a good lookout and navigate with caution and at slow speed at all times when entering the abovementioned locations.

For the benefit of the safety of all bathers and mariners, Transport Malta urges all visitors and commercial vessels to adhere to these arrangements. Enforcement officers will be randomly patrolling the area. Any offender, on conviction, shall be liable to the fines (multa) as laid down in the second column to the Third Schedule of the Small Ships Regulations, as amended.

All positions are referred to WGS 84 DATUM.

Chart affected: BA 211

24th April, 2026

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 29 tal-2026

Korrezzjoni ta' Chart – Foul area
(Ankra u katina mitlufa)

B'referenza għal BA Chart 211A – Channels between Malta and Gozo, u BA Chart 2537 – Għawdex (Gozo), Kemmuna (Comino) and the northern part of Malta.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara li ntilfu ankra u katina f'Bunkering Area 6, fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja:

Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
35°57'.233	014°19'.088

Simbolu inserit (#) li jindika foul area b'raġġ ta' 500m, fil-pożizzjoni.

Il-pożizzjonijiet huma b'referenza għal WGS 84 DATUM.

Charts affettwati: BA 211, 2537

L-24 ta' April, 2026

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 29 of 2026

Chart Correction – Foul area
(Lost anchor and chain)

Reference is made to BA Chart 211A – Channels between Malta and Gozo, and BA Chart 2537 – Għawdex (Gozo), Kemmuna (Comino) and the northern part of Malta.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies Mariners that an anchor and chain were lost within Bunkering Area 6, in the following approximate position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°57'.233	014°19'.088

Insert symbol (#) indicating a foul area with a 500m radius, in position.

Positions are referred to WGS 84 DATUM.

Charts affected: BA 211, 2537

24th April, 2026

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Sejħa għal Applikazzjoni għall-Pożizzjoni ta' Eżekuttiv(a) (l-Iżvilupp tal-Films Domestiċi) mal-Kunsill Malti għall-Arti fi ħdan il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali

Numru ta' Permess ta' Jobsplus : 379/2026

L-Iskop Ġenerali tal-Pożizzjoni

Il-Kunsill Malti għall-Arti (KMA) qiegħed ifittex li jaħtar is-servizzi ta' individwu għar-rwol ta' Eżekuttiv(a) (l-Iżvilupp tal-Films Domestiċi) sabiex j/taħdem fil-viċin mal-Kap tad-Dipartiment (l-Iżvilupp tal-Films Domestiċi) tal-KMA u mat-Taqsima tal-Films Domestiċi fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti.

Responsabbiltajiet Ewlenin

Id-dmirijiet tal-kandidat/a magħżul/a jinkludu, iżda mhux limitati għal:

ARTS COUNCIL MALTA

Call for Applications for the Position of Executive (Domestic Film Development) at Arts Council Malta within the Ministry for Culture, Lands and Local Governemnt

Jobsplus Permit Number: 379/2026

Overall Purpose of Position

Arts Council Malta (ACM) is seeking to engage the services of an individual as an Executive (Domestic Film Development) to work closely with ACM's Head (Domestic Film Development) and the Domestic Film Unit within Arts Council Malta.

Main Responsibilities

The duties of the selected candidate are to include, but not limited to:

Operati Strateġiċi u Diplomazija

Li j/tikkolabora mill-qrib mal-Kap tad-Dipartiment biex j/tittraduċi kunċetti ta' livell għoli fi pjanijiet ta' azzjoni dettaljati u ta' pass b'pass filwaqt li j/tiżgura li l-viżjoni tad-Dipartiment titwettaq b'mod prattiku;

Li j/takkumpanja lill-Kap tad-Dipartiment f'laqgħat tal-industrija ta' livell għoli u j/tieħu ħsieb il-kwistjonijiet tekniċi; li j/tkun responsabbli li j/tieħu nota tal-punti speċifiċi, j/tiddefinixxi r-riżultati prinċipali u j/tipprevjeni milli jkun hemm ambigwitajiet fi sħubiji esterni sabiex j/tiżgura li skopijiet wesgħin jiġu tradotti fi ftehim tekniku speċifiku;

Li j/tassisti fl-istrutturar operattiv ta' inizjattivi dipartimentali filwaqt li j/tiżgura li direttivi strateġiċi jinqasmu f'kompiti ċari b'dati ta' skadenza assenjati;

Li j/tissorvelja l-abbozzar tekniku u l-implimentazzjoni operattiva tal-Memoranda ta' Fehim (MoU) u ftehim formali ta' koperazzjoni;

Li j/taħdem mal-Kap tad-Dipartiment biex j/tikkordina mad-Direttur (Strateġija) u mad-Direttur (Finanzjament) biex j/tiżgura li inizjattivi internazzjonali tal-films huma għalkollox allinjati mal-missjoni korporattiva usa' u mal-għanijiet strateġiċi tal-Kunsill Malti għall-Arti.

L-Iżvilupp tas-Swieq Internazzjonali

Li j/tidentifika u j/tikkultiva sħubiji ma' entitajiet taċ-ċinema u entitajiet awdjoviżivi madwar l-Ewropa filwaqt li j/iżżomm djalogu attiv biex j/tarmonizza r-regolamenti domestiċi mal-istandards internazzjonali;

Li j/tiffaċilita rabtiet ta' valur għoli bejn produtturi Maltin u dawk internazzjonali biex i/twassal għal koproduzzjonijiet u proġetti kollaborattivi;

Li j/timmaniġġja l-evalwazzjoni strateġika u s-selezzjoni ta' festivals internazzjonali u avvenimenti fis-suq biex j/tiżgura li jkun hemm l-ikbar redditu fuq l-investiment għad-delegati nazzjonali;

Li j/tiżgura li l-assi esterni u l-materjali promozzjonali kollha jallinjaw mal-istrateġija ta' pożizzjonament internazzjonali tad-Dipartiment filwaqt li j/żżomm narrattiva koeżiva fis-swieq kollha.

Il-Politika, ir-Riċerka u r-Rappreżentazzjoni

Flimkien mal-Kap, j/taġixxi bħala r-rappreżentant tekniku għal Malta fi ħdan il-fondi internazzjonali u l-aġenziji pan-

Strategic Operations and Diplomacy

Collaborate closely with the Head of Department to translate high-level concepts into detailed, step-by-step action plans, ensuring the practical realisation of the Department's vision;

Accompany the Head of Department to high-level industry meetings to act as the technical lead; responsible for capturing specifics, defining deliverables, and preventing ambiguity in external partnerships to ensure broad intent transitions into specific technical agreements;

Assist with the operational structuring of departmental initiatives, ensuring that strategic directives are broken down into clear tasks with assigned deadlines;

Oversee the technical drafting and operational implementation of Memoranda of Understanding (MoUs) and formal cooperation agreements;

Work with the Head of department to coordinate with the Director (Strategy) and Director (Funding) to ensure international film initiatives are fully aligned with the broader corporate mission and strategic goals of Arts Council Malta.

International Market Development

Identify and cultivate partnerships with cinema and audiovisual entities across Europe, maintaining active dialogue to harmonise domestic regulations with international standards;

Facilitate high-value connections between Maltese producers and international counterparts to foster co-productions and collaborative projects;

Manage the strategic assessment and selection of international festivals and market events to ensure maximum return on investment for national delegations;

Ensure that all external assets and promotional materials align with the Department's international positioning strategy, maintaining a cohesive narrative across all markets.

Policy, Research and Representation

Together with the Head, act as the technical representative for Malta within international funds and pan-European

Ewropej filwaqt li j/timmaniġġja portafolli u drittijiet ta' votazzjoni, fejn meħtieġ;

Li j/tassisti fil-parteċipazzjoni tad-dipartiment ma' korpi regolatorji Ewropej u j/timmonitorja żviluppi fil-politika biex j/tinforma l-istrateġija lokali b'mod proattiv;

Li j/tiddedika kapaċità strutturata fil-monitoraġġ ta' xejriet awdjoviżivi fl-industrija filwaqt li j/tittraduċi riċerka tas-suq f'passi ta' azzjoni biex j/tiżgura li l-istrateġija tad-dipartiment hija appoġġjata mid-dejta;

Li j/tappoġġja l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' repositorju ċċentralizzat ta' statistiċi fl-industrija u data tas-settur biex j/tinforma strateġija futura.

Il-Ġestjoni ta' Skemi u l-Bini ta' Kapaċitajiet

Li j/timmaniġġja l-Iskemi ta' Appoġġ għall-Iscreen filwaqt li j/taħdem flimkien mal-Kap tad-Dipartiment u mad-Direttur tal-Finanzjament biex j/tiżgura tħaddim effiċjenti taċ-ċiklu annwali, mis-sejħa għat-tnedija sal-evalwazzjoni.

Li j/tikkura u j/timplimenta l-'Kalendarju tal-Bini tal-Kapaċitajiet' annwali għall-partijiet interessati domestiċi filwaqt li j/tidentifika nuqqasijiet ta' ħiliet fil-forza tax-xogħol lokali u j/toħloq strateġija għat-taħriġ biex j/tindirizzahom;

Li j/tidentifika, j/tistħarreġ u j/tikkontratta esperti internazzjonali ta' livell għoli biex jagħtu taħriġ speċjalizzat u mentoring;

Li j/timmaniġġja l-monitoraġġ u l-programm ta' mentoring għall-produzzjonijiet appoġġjati permezz tal-iskema.

Kompetenzi Essenzjali u Kundizzjonijiet Anormali ta' Xogħol

Attenzjoni fuq ix-xogħol, b'enerġija u motivazzjoni;

Kapaċità li j/tistabbilixxi prijoritajiet u j/taħdem taħt pressjoni;

Użu u eżerċitar ta' ġudizzju mgħarraf u indipendenti;

Livell eċċellenti ta' ħiliet interpersonali u ta' komunikazzjoni bil-miktub u bil-fomm;

Ħiliet organizzattivi b'attenzjoni għad-dettalji;

Abbiltà u rieda li j/tivvjaġġa;

agencies, managing portfolios and voting rights where applicable;

Assist with the department's engagement with European regulatory bodies and monitor policy developments to proactively inform local strategy;

Dedicate structured capacity to monitoring audiovisual industry trends, translating market research into actionable insights to ensure departmental strategy is data-backed;

Support the development and maintenance of a centralised repository of industry statistics and sector data to inform future strategy.

Scheme Management & Capacity Building

Manage the Screen Support Schemes, working in coordination with the Head of Department and the Director of Funding to ensure the efficient running of the annual cycle, from call launch to evaluation.

Curate and implement the annual 'Capacity Building Calendar' for domestic stakeholders, identifying skills gaps in the local workforce and designing training strategies to address them;

Identify, vet, and contract high-level international experts to deliver specialised training and mentorship;

Manage the monitoring and mentoring programme for productions supported through the scheme.

Essential Competences and Abnormal Working Conditions

Task-focused, with energy and motivation;

Ability to set priorities and work under pressure;

Use and exercise of independent and seasoned judgement;

Excellent level of interpersonal skills, written and oral communication;

Organisational skills with attention to detail;

Ability and willingness to travel;

J/taħdem skont il-bżonn biex jintlaħqu l-iskadenzi.

Din id-deskrizzjoni tax-xogħol mhix bilfors lista eżawrjenti ta' dmirijiet iżda tfasslet biex tirrifletti firxa ta' dmirijiet li l-Eżekuttiv(a) (L-Iżvilupp ta' Films Domestiċi) ser i/twettaq. Din tista' tiġi riveduta b'mod regolari u kapaċi tinbidel.

Rekwiżiti għall-Eliġibbiltà

Sal-ħin u d-data ta' skadenza ta' din is-sejħa, l-applikanti għandhom ikunu:

ċittadini ta' Malta, jew

ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

kwalunkwe persuni oħra li huma intitolati għal trattament ugwali bħal ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg f'termini tal-liġi jew il-leġiżlazzjoni tal-UE u proviżjonijiet tat-trattat imsemmija hawn fuq, minħabba r-relazzjoni familjari ta' dawn il-persuni msemmija f'paragrafu (a), (b), jew (c); jew

ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' resident għal żmien twil f'Malta taħt ir-Regolament 4 tar-Regolamenti dwar 'Status ta' Residenti għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) tal-2006', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-'Regolamenti dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji, 2007'; jew

persuni li għandhom dokument ta' residenza maħruġ skont it-termini tal-'Istatus tar-Residenza taċ-Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja Tagħhom f'Malta skont il-Ftehim tal-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Il-pariri tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u t-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan

Work as necessary to meet deadlines.

This job description is not necessarily an exhaustive list of duties but is intended to reflect a range of duties the Executive (Domestic Film Development) will perform. This may be reviewed regularly and may be changed.

Eligibility Requirements

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

citizens of Malta; or

citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità

Identità għandhom jintalbu skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati li jaqgħu taħt punti (b), (c), (d) u (e) imsemmija hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja ta' impjieg fil-każi li din tkun meħtieġa mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-leġiżlazzjoni sussidjarja. F'dak il-każ, l-entità Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

U

kapaċi li jikkomunikaw kemm bil-lingwa Maltija u kif ukoll bil-lingwa Ingliża sabiex iwettqu d-dmirijiet li jkunu applikaw għalihom b'mod suffiċjenti u adegwat

U

għandu jkollhom:

kwalifika rikonoxxuta ta' Master's fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2008) fl-Arti, l-Umanitajiet, l-Istudji tal-Films, il-Ġestjoni Kulturali/tal-Arti u/jew il-Politika Kulturali jew kwalifika professjonali kumparabbli, kif ukoll sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti.

JEW

kwalifika rikonoxxuta ta' Baċellerat fil-Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2003) fl-Arti, l-Umanitajiet, l-Istudji tal-Films, il-Ġestjoni Kulturali/tal-Arti u/jew il-Politika Kulturali jew kwalifika professjonali kumparabbli, kif ukoll tliet snin (3) esperjenza ta' xogħol rilevanti.

U GĦANDU JKOLLHOM UKOLL

Ħakma tajba tal-Malti u tal-Ingliż, kemm verbali kif ukoll bil-kitba (għarfien ta' lingwi oħrajn jitqies bħala vantaġġ);

Rekord bil-provi ta' ħidma fis-settur kulturali u kreattiv kif ukoll fis-Settur Pubbliku;

Sfond b'saħħtu fis-setturi multidixxiplinarji tal-arti (il-Mużika, it-Teatru, u Films) li jiżgura approċċ olistiku lejn il-politika awdjoviżiva;

L-abbiltà li jaħdmu taħt pressjoni u jsolvu l-problemi skont il-bżonn;

should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

AND

able to communicate in both the Maltese and English languages in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for.

AND

must be in possession of:

A Master's qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Arts, Humanities, Film Studies, Cultural/Arts Management and/or Cultural Policy or a recognised comparable professional qualification plus one (1) year relevant work experience.

OR

A Bachelor's qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Arts, Humanities, Film Studies, Cultural/Arts Management and/or Cultural Policy or a recognised comparable professional qualification plus three (3) years relevant work experience.

AND MUST HAVE

A good command of both spoken and written Maltese and English (knowledge of other languages will be considered an asset);

A track record of working within the cultural and creative sector as well as within the Public Sector;

A strong background in multi-disciplinary arts sectors (Music, Theatre, and Film), ensuring a holistic approach to audiovisual policy;

Ability to work under pressure and solve problems when appropriate;

L-abbiltà li jaħdmu f'tim;

L-abbiltà li jaħdmu b'mod awtonomu bi ftit jew mingħajr superviżjoni;

Rieda li jitgħallmu u jespandu l-għarfien tagħhom.

Informazzjoni dwar Kuntratt u Salarju

Il-kandidat/a magħżul/a se j/tiġi ingaġġat/a b'kuntratt ta' impjieg full-time fuq bażi indefinita. Is-salarju mħallas se jikkonsisti f'paga bażika ta' €35,877 fl-2026 (massimu ta' Grad 5 tal-Istruttura ta' Gradazzjoni u Salarji tal-Kunsill Malti għall-Arti), f'Bonus għall-Prestazzjoni sa 15% fis-sena, f'Kumpens għad-Disturb sa 15% fis-sena, f'Kumpens tal-Klassi tal-Entità ta' €1,500 fis-sena u Kumpens għat-Taħriġ ta' €700 fis-sena.

Applikazzjonijiet

Applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV u kopji taċ-ċertifikati lil (vacancies.acm@artscouncil.mt).

Applikanti li għandhom kwalifiki barranin huma mitluba li jipproduċu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fi ħdan il-Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), li tinkiseb billi timtela applikazzjoni online għar-rikonoxximent tal-kwalifiki fuq (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Tali dikjarazzjoni għandha tkun annessa mal-applikazzjoni u l-oriġinali tiġi ppreżentata fl-intervista.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjoni hi l-Ħamis, 30 ta' April, 2026, f'nofsinhar.

L-applikanti eliġibbli se jintalbu jattendu intervista ta' selezzjoni.

L-24 ta' April, 2026

AĠENZIJA NAZZJONALI GĦALL-ARTI PERFORMATTIVA

Sejħa għal Servizz: Assistent tal-Produzzjoni u l-Amministrazzjoni

Organizzazzjoni: Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva (NAPA)

Bażi tal-Impjieg: Kuntratt ta' 40 siegħa fil-ġimgħa għal servizz fuq bażi definita

Ability to work as part of a team;

Ability to work autonomously with little supervision;

A willingness to learn and expand knowledge.

Contract and Salary Information

The selected candidate will enter into a full-time employment contract on an indefinite basis. The salary paid will be of a basic salary of €35,877 in 2026 (maximum Grade 5 of the Art Council Malta's Grading and Salary Structure), a Performance Bonus of up to 15% per annum, a Disturbance Allowance of up to 15% per annum, an Entity Class Allowance of €1,500 per annum, and a Training Allowance of €700 per annum.

Applications

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV and copies of certificates to (vacancies.acm@artscouncil.mt).

Applicants holding foreign qualifications are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), which is to be obtained by submitting an online application for the recognition of qualifications at (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

Closing date for applications is Thursday, 30th April, 2026, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

24th April, 2026

NATIONAL AGENCY FOR THE PERFORMING ARTS

Call for Service: Production and Administration Assistant

Organisation: National Agency for the Performing Arts (NAPA)

Employment Basis: 40 hour weekly contract for service on an definite basis

Kuntratt offrut: Kuntratt ta' sena għal servizz bil-possibbiltà ta' estensjoni bbażata fuq il-prestazzjoni. Ir-remunerazzjoni tvarja bejn €23,000 u €25,000 skont l-esperjenza.

Rappurtar lil: Kap (ŻfinMalta)

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva (NAPA) tistieden applikazzjonijiet għall-kariga ta' Assistent tal-Produzzjoni u l-Amministrazzjoni biex tappoġġja lil ŻfinMalta kemm fil-funzjonijiet operattivi kif ukoll amministrattivi.

Responsabbiltajiet Ewlenin

Jgħin fil-kordinazzjoni tal-attivitajiet ta' produzzjoni ta' kuljum, filwaqt li jiżgura li l-iskedi u l-iskadenzi jintlaħqu;

Jipprovdi appoġġ amministrattiv inkluż korrispondenza, iffajljar, u dokumentazzjoni;

Jikkollabora mat-timijiet interni, il-forniturі, u l-imsieħba esterni;

Iżomm rekords tal-produzzjoni, baġits, u rapporti;

Jappoġġja l-loġistika, il-bookings, u l-ippjanar tar-riżorsi;

Jimmaniġġja dmirijiet ġenerali tal-uffiċċju u tgħin f'kompiti ad hoc kif meħtieġ;

Iwettaq kwalunkwe dmir ieħor li jista' jiġi assenjat minn żmien għal żmien mis-CEO jew mid-Direttur tan-NAPA.

Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

L-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi li ġejjin:

1. Il-kandidat irid ikollu ħiliet qawwija ta' organizzazzjoni, amministrazzjoni, u mmaniġġjar ta' proġetti;

2. Juri ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni u interpersonali u l-abbiltà li jaħdem b'mod effettiv ma' artisti, istituzzjonijiet, u forniturі ta' servizzi;

3. Ikun kapaċi jikkomunika bl-Ingliż u bil-Malti;

4. Ikun kapaċi jaħdem kemm b'mod indipendenti kif ukoll kollaborattiv f'ambjent ta' tim multidixxiplinarju;

5. Esperjenza jew għarfien tal-avvenimenti

Contract offered: One year contract for service with the posibility of extension based on performance. Remuneration to range between €23,000 and €25,000 depending on experience.

Reporting to: Head (ŻfinMalta)

The National Agency for the Performing Arts (NAPA) invites applications for the post of Production and Administration Assistant to support ŻfinMalta across both operational and administrative functions.

Key Responsibilities

Assist in coordinating day-to-day production activities, ensuring schedules and deadlines are met;

Provide administrative support including managing correspondence, filing, and documentation;

Liaise with internal teams, suppliers, and external partners;

Maintain production records, budgets, and reports;

Support logistics, bookings, and resource planning;

Handle general office duties and assist with ad hoc tasks as required;

Perform any other duties that may be assigned from time to time by the CEO or Director of NAPA.

Eligibility Requirements

Applicants must satisfy the following minimum requirements:

1. The candidate must possess strong organisational, administrative, and project management skills;

2. Demonstrate excellent communication and interpersonal skills and the ability to work effectively with artists, institutions, and service providers;

3. Be able to communicate in English and Maltese;

4. Be able to work both independently and collaboratively within a multidisciplinary team environment;

5. An understanding of production and events management

Tingħata preferenza lil kandidati li juru esperjenza fil-produzzjoni ta' produzzjonijiet tal-arti performattiva, festivals, inizjattivi kulturali, u/jew żfin, kif ukoll esperjenza ta' xogħol fi ħdan istituzzjonijiet kulturali pubbliċi jew kollaborazzjonijiet internazzjonali.

Rekwiżiti Addizzjonali

Il-kandidat magħżul ikun meħtieġ jaħdem sigħat flessibbli, inklużi filgħaxija u tmiem il-ġimgħa, skont l-iskedi tal-produzzjoni u l-avvenimenti.

Kif tapplika

L-applikanti interessati huma meħtieġa jissottomettu:

Ittra ta' applikazzjoni li tiddeskrivi l-interess tagħhom fir-rwol u l-esperjenza rilevanti;

Curriculum Vitae (CV) dettaljat;

Kopji tal-kwalifiki rilevanti.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (napa@napa.mt) bis-suġġett: Applikazzjoni – Assistent tal-Amministrazzjoni u l-Kummerċjalizzazzjoni.

Data tal-Għeluq

L-applikazzjonijiet għandhom jaslu sal-Ħamis, 30 ta' April, 2026, f'nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew). Applikazzjonijiet tard jew mhux kompluti mhux se jiġu kkunsidrati.

NAPA hija impjegatur b'opportunitajiet indaqs u tħeġġeġ applikazzjonijiet minn individwi kwalifikati irrispettivament mis-sess, id-diżabbiltà, l-età, l-etniċità, ir-reliġjon, jew l-orjentazzjoni sesswali.

L-24 ta' April, 2026

AĠENZIJA NAZZJONALI GĦALL-ARTI PERFORMATTIVA

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva ġiet imwaqqfa fl-2023 bil-għan distint li tkompli ssaħħaħ il-profil tal-arti performattiva f'Malta, kemm fuq livell lokali kif ukoll internazzjonali. In-NAPA tamministra u ssostni t-tliet kumpaniji nazzjonali tat-teatru, taż-żfin u tal-kor, jiġifieri Teatru Malta, ŻfinMalta u KorMalta. Barra minn hekk, Malta tipproduċi avvenimenti relatati mal-arti performattiva li jinvestu b'mod strateġiku fl-artisti lokali.

Preference will be given to candidates who demonstrate experience in producing performing arts productions, festivals, cultural initiatives, and/or dance, as well as experience working within public cultural institutions or international collaborations.

Additional Requirements

The selected candidate will be required to work flexible hours, including evenings and weekends, depending on production schedules and events.

How to Apply

Interested applicants are required to submit:

A letter of application outlining their interest in the role and relevant experience;

A detailed Curriculum Vitae (CV);

Copies of relevant qualifications.

Applications should be sent by email to (napa@napa.mt) with the subject line: Application – Production and Administration Assistant.

Closing Date

Applications must be received by Thursday, 30th April, 2026, at noon (Central European Time). Late or incomplete applications will not be considered.

NAPA is an equal opportunities employer and encourages applications from qualified individuals regardless of gender, disability, age, ethnicity, religion, or sexual orientation.

24th April, 2026

NATIONAL AGENCY FOR THE PERFORMING ARTS

The National Agency for the Performing Arts was established in 2023 with the distinct aim of raising the profile of performing arts in Malta, both locally and internationally. NAPA administers and sustains the three national companies of teatre, dance and choir – Teatru Malta, ŻfinMalta and KorMalta. Malta also produces performing arts events that strategically invests in local artists.

L-Aġenzija qed tfittex li tirrekluta membri tal-crew sabiex jagħmlu parti mit-tim tal-produzzjoni għall-programm annwali ta' avvenimenti. Dan japplika għall-produzzjonijiet imtellgħa min-NAPA, inklużi dawk ta' ŻfinMalta, Teatru Malta u KorMalta.

It-tim tal-Kru jirrapporta direttament lill-Production Executive jew lill-Outreach assenjat għall-produzzjoni jew l-ispettaklu partikolari.

Responsabbiltajiet Ġenerali

Id-doveri tal-offerenti magħżula jinkludu iżda mhumiex limitati għal:

Jilqa' lill-membri tal-udjenza u jiskennja u jiċċekkja l-biljetti fil-bieb;

Iqiegħed lill-mistednin u lill-membri tal-udjenza f'posthom;

Jiggwida lill-membri tal-udjenza għal kwalunkwe mejda tal-ikel u x-xorb waqt u qabel l-ispettaklu, waqt l-intervall jew wara l-ispettaklu (skont xi jkun disponibbli);

Iqassam programmi u tifkiriet oħrajn (skont xi jkun disponibbli);

Jiggwida lill-membri tal-udjenza għad-dħul, il-ħruġ u t-tojlits;

Jiżgura li l-udjenza mhix qed tuża l-mowbajl jew xi tagħmir ta' reġistrazzjoni ieħor waqt l-ispettaklu;

Iżomm kuntatt frekwenti mat-tim tal-Front of House biex jiżgura l-operat bla xkiel tal-ispettaklu;

Jimmaniġġja lill-udjenza f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, ikun jaf dwar rekwiżiti/kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà u pjanijiet ta' emerġenza;

Jiċċekkja u jirrapporta problemi ta' sigurtà lill-Maniġer tal-Produzzjoni;

Jiċċekkja u jirrapporta problemi rigward il-biljetti lill-Maniġer tal-Produzzjoni;

Ċaqliq ta' tagħmir u siġġijiet;

Jixgħel u jitfi d-dawl bażiku tas-sala;

Operazzjonijiet tekniċi bażiċi;

The Agency is seeking to engage crew members to form part of our production team, for the annual programme of events. For Productions by NAPA, including ŻfinMalta, Teatru Malta and KorMalta.

The Kru team report directly to the designated Production Executive or Outreach assigned for that show.

General Responsibilities

The duties of the KRU include but are not limited to:

Greeting audience members and scanning tickets at the door and check tickets;

Seating guests and audience members;

Guiding audience members to any refreshment stand during, before the show, during the interval or after the show;

Disseminating programmes and other merchandise;

Guiding audience members to entrances, exits and toilets;

Ensuring audiences are not using their phones or any other recording equipment during the performance;

Liaising with other crew to ensure the smooth running of the performance;

Managing the audience in emergency situations, being aware of health and safety requirements/issues and emergency plans;

Checking and reporting safety issues to the Production Manager;

Checking and reporting any ticketing issues to the Production Manager;

Movement of equipment/chairs;

Turning on/off basic house lights;

Basic technical operations;

Promozzjoni ta' produzzjoni mal-udjenzi;

Marketing a production to audiences;

Twaqqif ta' roll-up banners u feather flags waqt l-attivitajiet;

Set up of roll up and feather flags at events;

Ġbir ta' kontenut minn wara l-kwinti għall-istejjer fuq il-midja soċjali;

Taking behind the scenes content for stories;

Kompiti oħra aktar speċifiċi għad-dipartiment, bħal pereżempju l-immaniġġjar tal-palk, id-dipartiment tal-kostumi, il-marketing jew il-produzzjoni, skont l-interess tal-membru tal-crew;

Other more department specific tasks, for example stage management, costume department, marketing, production, depending on the interest of the crew member;

Il-ftuħ u l-għeluq tal-post qabel u wara attivitajiet ta' parteċipazzjoni iżolata, b'mod partikolari dawk immexxija minn artisti mistiedna li mhumiex artisti residenti jew assoċjati tal-aġenzija;

Opening and closing the venue before and after participation activities, particularly those led by guest artists who are not resident or associated artists of the agency;

L-akkoljenza u l-appoġġ lill-artisti mistiedna li jmexxu dawn l-attivitajiet, inkluż li jingħataw il-kuntest u l-informazzjoni meħtieġa dwar il-post u dwar l-aġenzija;

Welcoming and supporting guest artists leading these activities, including providing them with the necessary context and information about the venue and the agency;

L-akkoljenza tal-parteċipanti, xi drabi minuri akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom, kif ukoll l-iskennjar tal-biljetti u l-għoti ta' informazzjoni ġenerali dwar il-post u dwar l-aġenzija;

Welcoming participants, sometimes minors accompanied by their parents, as well as scanning tickets and providing general information about the venue and the agency;

Is-superviżjoni tal-ispazju ġewwa l-binja matul l-attività, b'mod partikolari meta l-attività tkun tinvolvi lill-minuri.

Supervising the indoor space during the activity, particularly when the activity involves minors.

Ħiliet u Kompetenzi

Skills and Competencies

Sad-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikanti għandu jkollhom fil-pussess tagħhom:

Till the closing date of submission of the application, applicants must be in possession of:

Ħiliet interpersonali tajbin ħafna (esperjenza fl-ospitalità titqies bħala vantaġġ);

Great people skills (hospitality experience is deemed an asset);

Għarfien fix-xena teatrali lokali kif ukoll fis-setturi kulturali u kreattivi;

Knowledge of the cultural and creative sectors;

Profiċjenza fl-Ingliż u fil-Malti b'ħiliet orali u miktuba eċċellenti;

Proficiency in English and Maltese, with excellent oral and written communication skills;

Kapaċità li jaħdmu kemm b'mod indipendenti kif ukoll f'tim, u jagħtu attenzjoni lid-dettall;

The ability to work both independently and within a team, with attention to detail;

L-abbiltà li jaħdmu taħt pressjoni;

Ability to work under pressure;

Esperjenza fi prassi li tenfasizza l-inklussività tkun ikkunsidrata bħala vantaġġ, għalkemm it-taħriġ se jkun ipprovdut;

Experience in inclusive practices would be an asset, however further training will be provided;

Ikunu fil-pussess ta' kors fis-Saħħa u s-Sigurtà jew ikunu disposti li jlestu tali kors.

Sigħat ta' Xogħol

Is-sigħat ta' xogħol se jkunu wara l-ħinijiet normali tal-uffiċċju, għaldaqstant il-kandidat għandu jkun flessibbli li jaħdem fi tmiem il-ġimgħa u filgħaxijiet skont il-ħtiġiet tal-entità.

Sejħa tipika għas-servizz normalment tinkludi laqgħat dwar il-baġit, kemm fuq il-post kif ukoll, fejn meħtieġ, online qabel il-bidu tal-ingaġġ.

Id-dati relatati ma' proġetti, inizjattivi jew produzzjonijiet jiġu kkomunikati skont kif jinqalgħu l-ħtiġiet.

Jattendi laqgħat, jekk meħtieġ, fuq il-post jew online.

Kuntratt għal Servizz

Il-kandidati magħżula se jingħataw Kuntratt għal Servizz ta' sena (1), bil-possibbiltà li jiġġedded għal perjodu ulterjuri ta' sena (1), skont il-prestazzjoni tiegħu/tagħha/tagħhom.

Għandu jirrispondi lill-Kap tal-Produzzjonijiet ta' Teatru Malta għall-Kunsill Malti għall-Arti, u għandu jaħdem sigħat flessibbli biex jilħaq id-domandi u r-rekwiżiti tal-pożizzjoni. Il-kandidat magħżul se jkun jinħtieġ jaħdem fi ħdan ir-regoli u r-regolamenti tas-Servizzi Pubbliku ta' Malta. Il-fornitur ta' servizz magħżul se jkun responsabbli għat-tassazzjoni u l-kontributi tas-sigurtà soċjali rilevanti kollha skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Ir-remunerazzjoni hija ta' €13 fis-siegħa (minbarra l-VAT iżda bit-taxxi jew il-miżati l-oħra inklużi) mill-uffiċċju u/jew fuq il-post kif meħtieġ. L-applikanti għandhom ikunu fil-pussess ta' numru tal-VAT validu. Il-ħlas se jiġi pproċessat mill-Kunsill Malti għall-Arti fi żmien 30 jum minn meta jirċievi rċevuta b'numru tal-VAT validu.

L-Applikazzjonijiet

L-applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV lil (napa@napa.mt).

Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija nhar il-Ħadd, 3 ta' Mejju, 2026.

L-applikanti eliġibbli se jintalbu jattendu għal intervista.

L-24 ta' April, 2026

Be in Possession of or Be Willing to complete a course in Health & Safety

Hours of Work

Hours of work will be after normal office hours, thus, the candidate must be flexible to work on weekends and evenings depending on the needs of the entity.

A typical call for service would include budget meetings on site and possibly online prior to the engagement.

Dates for projects/initiatives/productions are communicated as the needs arise.

Attending meetings if required, on site or online.

Contract for Service

The selected candidates will be awarded a one (1) year Contract for Service, with the possibility to renew, depending on his/her/their performance.

Answerable to the Productions Executive or Outreach Personal assigned a NAPA, operating with flexible hours to meet the demands and requirements of the position. The chosen candidate will be required to work within the rules and regulations of the Malta Public Service. The selected service provider will be responsible for all the relevant taxation and social security contributions according to the national legislation.

The remuneration is of €EUR per hour (excluding VAT but including any other taxes or charges) from the office and/or on site as required. Applicants must be in possession of a valid VAT number. Payment will be processed by NAPA within 30 days of receipt of an invoice with a valid VAT number.

Applications

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV to (napa@napa.mt).

Closing date for applications is Sunday, 3rd May, 2026, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

24th April, 2026

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INDAFA PUBBLIKA

Pożizzjoni ta' EU Project Officer fil-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali għall-Operat, f'isem is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' EU Project Officer fil-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' sentejn (2) bħala EU Project Officer fil-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, (li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra).

2.2 Il-pożizzjoni ta' EU Project Officer hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika,il-pożizzjoni ta' EU Project Officer taqa' taħt Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.5 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY AND PUBLIC CLEANLINESS

Position of EU Project Officer in the Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (Operations) on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness, invites applications for the position of EU Project Officer in the Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a two (2) year assignment as a EU Project Officer in the Ministry for the Environment, Energy and Public Cleanliness, (which may be renewed for further periods).

2.2 The position of EU Project Officer is subject to a probationary/trial period of twelve (12) months.

2.3 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, the position of EU Project Officer constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'

2.4 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

